MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Numru. 797/2007

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**

**KONTRA**

**KURT GRIMA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Kurt Grima ta' 22 sena, bin Mario u Irene nee' Galea, imwieled Tal-Pieta' nhar is-17 ta' Frar, 1985, residenti fil-fond numru 167, Triq Ghajn Dwieli, Paola, jew numru 20, Triq San Klement, Zejtun, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0138785M;

1. Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-25 ta' Settembru, 2007 fl-21.45hrs, fi Triq Dawret Hal-Ghaxaq, gewwa Hal-Ghaxaq, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni

ta’ dan id-delitt billi dahal fil-vettura tal-marka Fiat Uno bin-numru tar-registrazzjoni BAV 524 bil-hsieb li jisraq l-istereo, u dan id-delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tieghu, liema serq kien ikun aggravat bil-hin, bil-mezz, meta kien ser isir fil-vettura jew vetturi f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghall-pubbliku jew fuq xi parti jew accessorja ta’ jew fuq xi haga li kun go dik il-vettura, bil-valur, u bil-lok;

2. U aktar talli huwa recediv b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenza giet definittiva nhar il-11 ta’ Jannar, 2007.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-Artikolu 41, 261, 263, 267, 269, 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li rat li t-tieni (2) imputazzjoni giet irtirata mill-Prosekuzzjoni;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat Kurt Grima hati tal-ewwel (1) imputazzjoni hekk kif dedotta kontrieh, u ghaldaqstant tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlitt (3) snin, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Fil-waqt li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba kontra l-istess imputat qed tigi rtirata, u ghaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------